MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru. 126/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**William Mercieca**
**(Numru tal-Karta ta’ l-Identita` 403973M)**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat William Mercieca gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-1 ta’ Frar 2015 gewwa dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Gewwa Triq San Publiju, Floriana ghall-habta tas-17.45hrs ikkommetta serq ta' apparat tas-sound tal-ghamla Clarion serial no. CZ102E minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBF-843 tal-ghamla Tata Safari ghad-dannu ta' Keith Frendo u jew persuni ohra, liema serq hu ikkwalifikat bil-hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa,

2. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi ikommetta hsara volontarja fuq il-vettura DBF-843 ghad-dannu ta' Keith Frendo u/ jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin euro (€250);

3. U aktar talli nhar l-1 ta' Frar 2015, gewwa l-MCP Car Park, Floriana bejn it-15:30hrs u s-18.30hrs ikkommetta serq ta' apparat tas-sound tal-ghamla AudioMedia bis-serial no. 021428 minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBQ-318 ghad-dannu ta' Anita Portelli u jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa,

4. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura EBQ-318 ghad-dannu ta' Anita Portelli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin euro (€250);

5. U aktar talli gewwa dawn il- gzejjer xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b`kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom;

6. U aktar talli gewwa dawn il- gzejjer wara li kien gie ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella instab għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu instabu għandu f'dak iż-żmien.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija titratta ma' William Mercieca li huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-kaz jitmexxa bi procedura sommarja;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-*pre sentencing report* ipprezentat mill-Probation Officer Maryanne Zammit;

Rat illi fis-seduta tal-lum stess il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi l-hames imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati, hlief ovvjament ghall-hames imputazzjoni li giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni.

Illi mir-rapport ipprezentat mill-Probation Officer Maryanne Zammit jirrizulta illi l-imputat ghandu problema ta' dipendenza fuq id-droga. Jirrizulta wkoll illi l-imputat m'ghandu l-ebda punt ta' referenza ghal dak li jirrigwarda familjari. Mill-fedina penali tieghu jirrizulta wkoll illi l-imputat ilu zmien twil ixellef difrejh mal-gustizzja u dan sa mill-bidu tas-snin disghin sal-lum il-gurnata. Illi mill-istess fedina penali jirrizulta wkoll illi l-imputat tressaq il-qorti 'il fuq minn tletin darba fejn gie misjub hati ta' diversi reati, fosthom ta' serq aggravat u pussess ta' droga, ghal-liema reati l-imputat diga ghadda numru ta' snin fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Illi l-Qorti tosserva illi, sfortunatament, minkejja dan kollu, l-imputat baqa' ghaddej fl-istess hajja ta' serq biex isostni l-vizzju tieghu. U ghalhekk, minkejja d-diversi sentenzi ta' prigunerija li kien ikkundannat ghalihom, jidher li l-imputat ma kellux dik il-forza necessarja biex jibdel hajtu u jipprova jsib l-ghajnuna necessarja.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti, wara li qieset kemm is-sottomissjonijiet tad-difiza, tal-Prosekuzzjoni u kif ukoll ir-rapport tal-Probation Officer tqis li l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja effettiva ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 (h), 49, 50, 278 (2), 287, 289, 325 (1) (c), u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) imputazzjoni li nghatat bhala alteranattiva ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni, u filwaqt li tiddikjara li r-reati dedotti fit-tieni u fir-raba' imputazzjoni servew bħala mezz biex isiru r-reati dedotti fl-ewwel u fit-tielet imptuazzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **William Mercieca** hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u filwaqt li tiddikjarah bhala recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, qieghdha **tikkundannah ghal piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija.**

Finalment, il-Qorti, tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex jaghti l-assistenza kollha lill-imputat f’kaz li dan juri disposizzjoni li jibda programm biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------